VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19, 135, 10 ta' Settembru, 2013
Taqsima B

A.L. 272 tal-2013

ATT DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR TAL-IŻVILUPP (KAP. 504)

Regolamenti tal-2013 li Jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Dikjarazzjoni dwar l-Istaġun għall-Kaċċa fil-Ħarifa tal-2013 u fix-Xitwa tal-2014)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 61 tal-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp u skont ir-regolament 10(6)(t) tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni ta' Għasafar Selvaġġi, il-Ministru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa r-Regolamenti tal-2013 li Jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Dikjarazzjoni dwar l-Istaġun għall-Kaċċa fil-Harifa tal-2013 u fix-Xitwa tal-2014), u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (Dikjarazzjoni dwar l-Istaġun għall-Kaċċa fil-Harifa tal-2013 u fix-Xitwa tal-2014), hawn iżjed 'il quddiem imsejħin "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 504.95

Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fil-paragrafu (b) tar-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "l-1 ta' Ottubru 2013 u l-31 ta' Jannar 2014.", għandhom jidħlu l-kliem "l-1 ta' Ottubru 2013 u l-31 ta' Jannar 2014:", u minnufih wara għandhom jiżdiedu l-*provisos* li ġejjin:

"Iżda kaċċa minn fuq il-baħar bejn l-1 ta' Ottubru u s-7 ta' Ottubru ma tistax issir mit-Tnejn sas-Sibt mis-7:00 ta' wara nofsinhar (7:00pm) sa sagħtejn qabel tlugħ ix-xemx:

Iżda wkoll kaċċa minn fuq il-baħar tista' ssir bejn it-8 ta' Ottubru u il-31 ta' Jannar minn sagħtejn qabel tlugħ ix-xemx sa sagħtejn wara inżul ix-xemx fil-ġranet mit-Tnejn sas-Sibt, u minn sagħtejn qabel tlugħ ix-xemx sas-siegħa ta' wara nofsinhar (1.00 p.m) fil-Ħdud u Festi Pubbliċi, kif ukoll il-Ħadd 6 ta' Ottubru.".